# "BUONA SERA"

## Sketch f'Att Wiehed.

Maqlub ghall-Malti minn Carmelo Galea, S.D.B.

## PERSONAGGI

Presto, Cicillo, Ossu, Okelle.

XENA: Palk tat-Teatru.

Pres Sinjuri u sinjorini, cioe' sinjorini u sinjuri. Issa sejjer nipprezentalkom numru eccezzjonali barra mill-programm: Il Professur Surunoff huwa maghruf bhala l-aqwa ipnotizzatur tad-dinja: (Jidhol l-ipnotizzatur). Jixraq tatuh applause. (Applause). Dan il-professur gej minn qalb ic-celebrita' tas-successi! F'Baston, fil-Filadelfia, f'Rio de Janeiro, f'Londra, f'Parigi, ecc..... Ghalhekk ahna nhossuna kburin illi kellna din ix-xorti kbira illi l-lejla jinsab maghna. Mela is-sur Professur sejjer jurina programm sabih.

Ossu X'ghidt li jismu jekk joghgbok?

Pres Suronoff. Professur Suronoff biex inservik.

Ossu Grazzi. Skuzani hafna.

Pres Ma hemmx imniex. Mela kont qieghed nghid illi issa il-Professur Suronoff sejjer jaghti prova tal-hila tieghu fil-Magnetiche. (Fil-waqt illi l-professur, li ma hux hlief Cicillo beda jaghmel x'inkin lill-pubbliku, mill-ewwel fila tal-platea Ossu u Okelle jidhku qawwi).

Cici Ipno Grazzi, Grazzi! M'ghandix ghalfejn naghmel kumplamenti. Pero' irrid nghidilkom illi jien ukoll rabdomante u sahhar fl-istess hin.

Ossu U Okelle...hares ftit min iridha ta ipnotizzatur....

Okel Ah Makakk, mela tlift rasek?

Ossu Iddahhakx in-nies bik, inzel minn hemm....

Cici (Jissokta qiesu mhux hu) L-istudju tieghi jinsab Sqaq Kirxa Majjali, numru 17. Nircievi visti kuljum, fi kwalinkwe hin, barra minn filghodu, ghaliex inkun irrid nghin lil habib tieghi Pasqual, isewwi xi zarbuna, li miskin romol xahrejn ilu...... Intkom forsi ma tafuhx lil Pasqual Ftila? Dnub li ma tafuhx.....Dan huwa filosofu mill-aktar moderni; kiteb ktieb fih mall-5000 pagna. Miskin, ma stampawulux ghaliex huwa ktieb miktub gholi wisq! U dan il-ktieb ghadu hadd ma wasal biex jifmu...Forsi htija tieghu illi dan Pasqual l-iskarpan twieled hekk intelligenti?.....Qalulu biex jikteb aktar fi stil facli, izda huwa ma jridx jinzel minn fejn tela'. Kieku tarawh lil Pasquale, nissugurakom illi tifthu l-aptit: ghandu rasu kwadra bla xaghar, mustacci donnhom denb ta' gurdien, u jimxi bhal fekruna. Imma hej dik rasu....min jaf x'jinsab go dik ir-ras?..... Kemm hu bravu Pasqualinu! Dnub li ma tafuhx lil Pasqual Ftila; u dnub ikbar illi huwa hekk intelligenti, ghaliex kieku dak il-ktieb ta 5000 pagna kien ikun jista' jifmu kulhadd. Imma issa hallina minn dan. Nitlobkom anzi tahfruli li waqajt fuq Pasqual Ftila....Mela issa nigi ghall-fatti taghna(Iberraq ghajnejh) Kulhadd ihares lejja b'ghajnejh cassi.

Okel U ghamlilna il-wisa u inzel minn hemm. Xi trid taghmel hemm?

Cici (Lil Okelle u lil Ossu illi m'ghamlux hlief jinterrompuh il-hin kollu) Imma insomma, intkom xi tridu minn ghandi? Halluni inkompli....Ftit edukazzjoni, jekk joghgobkom....

Ossu Ma tarax illi ggib kompassjoni?

Okelle Mhux kompassjoni, il-hass hazin....

Cici Iva? Allura nitlobkom itilghu ftit hawn fuq. Ejjew, ejjew ippruvaw.

Ossu Min ahna, ma tarax...

Cici Iva intkom, hawn fuq il-palk.....forsi tibzghu titilghu.

Okel Nibzghu, nibzghu le! Immorru Ossu....

Ossu Immorru. (Jitilghu fuq il-palk)

Cici (Lil Okelle) Lilek, ejja hawn ma genbi. Issa hares sewwa lejn ghajnejja. (Jiffissaw iharsu lejn xulxin) Ipprova harrek dirghajk..... ipprova qieghed nghidlek.

Okel (Iharrek dirghajh bhallikieku xejn; Ossu jidhak kemm jiflah).

Ossu Bravu Okelle, Bravu!

Cici (Lil Okelle) Issa ejja ftit hawn. (Okelle imur hdejh, u ~~jiffissaw~~ jiffissaw iharsu lejn xulxin). Issa ipprova imxi.

Okel (Jimxi bhalli kieku xejn. Ossu dejjem jidhak).

Ossu Bravu Okelle, inti bniedem fenominu.

Cici (Wara li jiffissa aktar fit-tul lejn Okelle) Ghodd sa' l-ghaxra, u qies li meta tasal fis-sebgha tieqaf.

Okel (Jghodd sa' l-ghaxra u Ossu jidhak kemm ghandu hila).

Ossu Evviva Okelle. (Jghannqu)

Cici (Lil Okelle) Hekku.....ara....inti ma intix tajjeb biex tigi ipnituzzat.

Ossu (Izomm id-dahk) U hallina minnek, ma tarax li m'intix ta' quddiem in-nies....ghax ma tinzilx minn fuq dan il-palk?.....Fjask, fjask kbir!

Cici Tajjeb, inti li qed tithak tant, ejja nipprova lilek.... Avanti....

Ossu U ghidtlek hallina minnek....

Okel Ipprova Ossu, din x'fiha?....

Ossu Mamma tieghi! Qalbi trid tinqasam bid-dahk!...Tajjeb, nipprovaw....

Cici Hares profondament lejn ghajnejja.....iffissani ftit.... Issa ipprova erfa' dirghajk.....Isa......

Ossu (Jibqa iebes daqs gebla, jaghmel sforz biex iharrek dirghajh, izda ma jistax).

Okel Forza Ossu! Harrek dirghajk!......Forza! (Jaqbad driegh Ossu, jigbidielu, izda ma jirnexxilux iharrku). Ftit iehor Ossu! Isa Harrku! (F'daqqa wahda l-ipnotizzatur ma jharisx izjed lejn Ossu, dirghajn Ossu tinhall bhal molla qawwija, jolqot lil Okelle u Okelle bid-daqqa imur fl-art).

Ossu (Lill-ipnotizzatur) Tara jekk caqlaqthiex?...

Cici Issa jekk joghgbok ipprova imxi....

Ossu (Jipprova jimxi, izda ma jistax. Okelle jinxtehed fl-art, jaqbad sieq Ossu u jibda jigbidielu).

Okel Isa! Imxi! Imxi Ossu!

Ossu (Lil Ipnotizzatur) Tara kif nimxi.

Cici (Ma jharisx aktar lejn Ossu, allura Ossu jaqa fuq Okelle. Xena a soggetto tad-dahk)

Cici (Lil Ossu) Issa ipprova int ukoll ghodd sa l-ghaxra, u tara li meta tasal fis-sebgha ghandek tieqaf.... (Jiffissah bhal qabel) Ipprova....

Okel Kuragg Ossu. Imma ghaliex tieqaf, issir donnok gebla? Lili ma gralix hekk....(Iharriklu rasu) Ossu, habib tieghi, qieghed tismani? Jien il-habib tieghek Okelle.... Qed tismani? Isa ghodd sa l-ghaxra.....

Ossu (Bhal wiehed iblah) Iva, mela le....Halli nghodd sa' l-ghaxra: sgur li nghodd sa' l-ghaxra: Wiehed, tnejn, tlieta, erbgha, hamsa, sitta, seba'. (Jieqaf) Seba', Seba', Seba', (B'ghajnejh imberrqin fuq Okelle) Tara xi grali?....

Okel Ghid tmienja hmar, isa, xi trid biex tghid tmienja?

Ossu (Irid jghid tmienja u ma jistax) Ti....Ti.....seba'. Ti....Ti....seba'.

Okel Tmienja, tmienja.

Ossu Seba', seba'.....

Okel (Kwazi jibki, jurih tmien t'iswaba biex jghid tmienja) Tmienja, Ossu, tmienja.

Ossu (Jaghmel kwalinkwe sforz, jitghawweg u jitqanzah biex jghid tmienja, izda ma jistax u jghid) Se Se Se Seba'. (Ipnotizzatur jidhak)

Okel (Jinzel gharkupptejh quddiem Ossu) Santa Barbara! Tghid immuta?! Ossu! Ossu, halli nara lsienek!...

Ossu (Johrog ilsienu barra) Ah!

Okel Le, mhux mutu. Ghandek tghid: "Tmienja".

Ossu Le, ghax ahna seba'ahwa: tlitt subien u erba' t'ibniet.

Cici Sinjuri u sinjorini, l-esperiment tieghi spicca. BUONA SERA. (Tinghalaq malajr il-Purtiera).

TMIEM TA' SKETCH